**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum l-20 ta' Frar 2019

Rikors Numru: 127/15 AL

**A B**

Vs

**Dr. Christopher Chircop u l-PL Noel Scerri**

**li b'digriet tal-21 ta' April 2015 inħatru**

**bħala kuraturi deputati għall-**

**assenti C D E.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ppreżentat mill-attur li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni flimkien mis-sena 2009, li minnha nhar il-31 ta' Diċembru 2014 twieldet il-minuri F G B u dan kif juri l-anness ċertifikat tat-twelid tal-istess bint (Dok A);

2. Illi kif gie spjegat fl-atti tal-medjazzjoni, l-intimata C D E hija assenti minn Malta u bħalissa hija rregistrata fl-indirizz XX u kien għalhekk li kien hemm il-ħtieġa ta' kuraturi deputati;

3. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet f'Jannar 2015, u fi Frar 2015, l-esponent ġie innotifikat b'ittra legali da parti tal-intimata. Sfortunatament, l-intimata għandha problemi psikjatriċi, u għaldaqstant, ir-rikorrent jixtieq li jiġu rregolati l-kura u l-kustodja, l-aċċess u l-manteniment tal-imsemmija F G B;

4. Illi l-minuri F G B, sa mit-twelid għexet mal-intimata omm, kważi dejjem ġewwa Sptar Psikjatriku ġewwa l-Isvizzera u dana minkejja x-xewqa li kien wera r-rikorrent li jieħu lill-minuri tirrisjedi miegħu f'post iktar adattat għal tarbija t'eta` tant tenera. Effettivament, ir-rikorrent kien ilu jiġi prekluż milli jara lill-bintu kif jixtieq, sa mill-5 ta' Jannar 2015; dawn il-fatti kollha ser jirriżultaw ampjament fil-mori tal-kawża;

5. Illi għaldaqstant, ir-rikorrent ma kellux għażla oħra għajr li jibda l-proċeduri ojderni;

6. Illi r-rikorrent ġie debitament awtorizzat jipproċedi bir-rikors ġuramentat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet datat 17 ta' April 2015 (Dok B)

**Talab li l-konvenuti jgħidu għaliex dina l-Qorti m'għandiex:-**

1. Tafda lir-rikorrent bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri F G B, b'dana illi l-minuri tgħix mar-rikorrent; salv l-access tal-intimata għall-istess minuri, jekk dan ikun fl-aħjar interess tal-istess bint;

2. F'każ li dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel talba tar-rikorrent fir-rigward ta' fejn ser tkun qed tirrisjedi l-minuri, tiffissa granet u hinijiet t'aċċess, inkluż sleepovers, illi r-rikorrent għandu jkollu versu bintu, inkluż provvediment dwar għeluq snin ir-rikorrent, għeluq snin il-minuri, festi pubblici u l-vaganzi tas-Sajf u tal-Milied;

3. Tillikwida u tiffissa manteniment, li għandu jiżdied minn sena għal sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, għall-minuri F G u tiddeċiedi

illi l-istess għandu jibqa' jiġi vversat favur ir-rikorrent, sakemm il-minuri tagħlaq it-tmintax-il sena jekk tiddeciedi li tieqaf mill-istudji tagħha u tibda taħdem fuq bażi *full time,* jew sa tlieta u għoxrin sena jekk tiddeciedi li tkompli bl-istudji tagħha fuq bazi *full time* u tordna lill-intimata sabiex tħallas il-manteniment hekk kif likwidat; u dan flimkien mal-ispejje kollha ta' saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri;

4. Tagħti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri F G B, fosthom iżda mhux limitatament dwar kif għandu jiġi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet edukattivi oħra u extra-kurrikulari, u dan kollu taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hi minn issa inġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuratur Deputat Dr. Christopher Chircop a fol. 117 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi huwa l-attur li għandu piż tal-prova u ċjoe' illi jrid jkun l-attur li permezz tal-provi mressqa minnu jikkonvinċi lil dina Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess attur qegħed jagħmel fil-konfront tal-intimata huma fondati.

2. Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikajraw li m'għandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-każ u għaldaqstant qegħdin jirriżervaw id-dritt li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsiru konoxxenti ta' fatti relatati ma' dan il-każ.

   Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

   Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

   Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat l-affidavits kollha esebiti mill-attur partikolarment dawk tal-attur innifsu, affidavits elaborati, dettaljati u voluminużi, flimkien mad-dokumenti magħhom annessi sabiex jikkorraborawhom;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, ippreżentata fit-13 ta' Frar 2018[1], kif ukoll in-nota responsiva tal-Kuraturi Deputati, ippreżentata fit-3 ta' Mejju 2018[2]; Rat illi b'digriet tad-19 ta' Ġunju 2018[3], l-attur ġie awtorizzat jippreżenta replika u effettivament ippreżenta n-nota bir-replika fl-24 ta' Awwissu 2018[4];

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

**FATTI in suċċint**

Minn relazzjoni intima bejn l-attur u C D E, fil-31 ta' Diċembru 2014, twieldet il-minuri F G B[5].

L-attur huwa Malti domiċiljat u abitwalment residenti hawn Malta, illi pero` għal diversi perjodi f'ħajtu irrisjeda f'pajjiżi esteri inkluż għal xi xhur fl-Isvizzera. Matul il-gravidanza tal-konvenuta, sabiex seta' jkun viċin tagħha, l-attur beda jirrisjedi ġewwa l-Isvizzera u f'Novembru 2014 sab impjieg termporanju ġewwa Liechtenstein.

L-assenti C D E, hija mara Ġermaniża, bir-residenza abitwali tagħha ġewwa l-Isvizzera. L-omm teħtieġ permess sabiex tirrisjedi ġewwa l-Isvizzera liema permess jiġi mġedded minn żmien għal żmien. Il-minuri twieldet fl-Isvizzera u sal-lum dejjem għexet ġewwa l-Isvizzera. Hija għandha ċittadinanza doppja u cioe dik Ġermaniża u dik Maltija.

---

1 Fol. 936;
2 Fol. 959;
3 Verbal a fol. 996;
4 Fol. 1000;
5 Ċertifikat tat-twelid relattiv esebit fol. 300;

Sa minn qabel it-twelid tal-minuri F G, il-ġenituri kienu qablu li jkollhom kura u kustodja bejniethom tal-minuri u li l-minuri ġġorr il-kunjom B.[6]

Sfortunatament, l-omm li kienet ilha tbati minn problemi mentali qabel it-twelid tal-minuri, jumejn wara t-twelid ġiet rikoverata ġewwa sptar mentali u baqgħet hekk rikoverata, *on and off*, għal ċirka sena u nofs. Il-minuri kienet tirrisjedi magħha fl-isptar mentali. L-assenti ħassret ir-relazzjoni tagħha mal-attur u għamlet kulma felħet biex tiddistakka lill-attur ukoll minn ma' bintu, tant illi f'April 2015, dana ġie lura hawn Malta, minkejja li baqa' jippersisti mal-assenti u wkoll mal-awtoritajiet Svizzeri illi jara lil bintu, imqar bi Skype.

Mid-dokument "Decision of the Collegial Authority" maħruġ miċ-Child and Adult Protection Authority, KESB Nordbünden, jirriżulta illi l-assenti C E talbet l-annullament tal-*joint parental custody*, liema talba ġiet miċħuda mill-imsemmija Awtorita`.[7] L-istess Awtorita` stabbiliet ġranet u ħinijiet meta l-attur seta' jaċċessa għal bintu minuri, iżda dan għażel li ma jibbenefikax minn dan l-aċċess billi ma qabilx mal-kondizzjonjiet imposti.

## KONSIDERAZZJONI PRELIMINARI

Illi fl-ewwel lok, ikun ferm opportun illi l-Qorti tanalizza fid-dettal, il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tagħha:

1. Primarjament il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tqajmet mill-Kuratur Deputat l-Avukat Dottor Christopher Chircop fl-udjenza tat-18 ta' Frar 2016 fejn kien ġie verbalizzat *"Dr. Chircop informa lill-Qorti li baghat email lill-intimata C D E u li qed jesebixxi nota bl-emails.*
   *Il-Qorti qeghda takkorda differiment lil Dr. Chircop sabiex jerga jikkomunika mal-assenti li x'aktarax qeghda tecepixxi nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-qorti u taghmilha cara li jekk sas-seduta li jmiss ma tkunx tresqet din l-eccezzjoni tort ta' nuqqas ta' komunikazzjoni tal-assenti mal-kuratur deputat, il-qorti se tghaddi biex tahtar assistent gudizzjarju f'din il-kawza."*

[6] Dokument fol. 294;
[7] Fol. 976;

Fl-udjenza sussegwenti, u cioe dik tal-5 ta' Mejju 2016, il-Kuratur Deputat ma kienx deher sabiex jagħti informazzjoni ulterjuri u b'hekk il-Qorti ipproċediet billi ħatret Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi;

2. Illi permezz ta' rikors ippreżentat fit-2 ta' Awwissu 2016, il-Kuraturi Deputati l-Avukat Dottor Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Noel Scerri talbu lill-Qorti tiddikjara illi hija m'għandhiex il-kompetenza sabiex tisma' u tiddeċiedi din il-kawża. Huma rriferew għall-korrispondenza illi kellhom mal-avukat tal-assenti, Elisabeth Blumer, fejn dina nfurmathom li fl-ideja tagħha, il-ġurisdizzjoni kienet vestita fl-Isvizzera. Huma esebew deċiżjoni mogħtija mill-awtoritajiet Svizzeri allegatement rigwardanti l-aċċess tal-attur versu l-minuri, liema deċiżjoni ddatata 25 ta' Jannar 2016, hija fil-Lingwa Tedeska. Illi għaldaqstant il-Qorti, permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Ottubru 2016, ordnat lir-rikorrent sabiex jippreżenta traduzzjoni fil-lingwa Ingliża tad-deċiżjoni imsemmija. Illi din it-traduzzjoni ġiet esebita fl-atti biss riċentement[8] u b'hekk dan ir-rikors qatt ma ġie dekretat finalment.

3. Illi permezz ta' rikors iddatat it-13 ta' Ottubru 2016 (Cash Number 1101/10/2016) il-Kuraturi Deputati talbu illi l-Qorti tinnomina Perit Legali sabiex jagħmel it-traduzzjoni tal-istess deċiżjoni iżda li kellu jkun l-attur li jħallas l-ispejjeż tal-istess traduzzjoni. Il-Qorti laqgħet it-talba in kwantu ħatret rappreżentant tal-Ambaxxata Ġermaniża f'Malta sabiex jagħmel din it-traduzzjoni, iżda dan bi spejjeż ta' C D E. Effettivament din it-traduzzjoni qatt ma ġiet ippreżentata bil-lingwa Ingliża fi stadju ta' provi. Ġiet ippreżentata biss man-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kuraturi Deputati tat-3 ta' Mejju 2018.[9]

4. Illi permezz ta' rikors ieħor iddatat it-13 ta' Ottubru 2016 (Cash Number 1102/10/2016) il-Kuraturi Deputati reġgħu talbu lill-Qorti tiddikjara illi hija m'għandhiex il-kompetenza sabiex tisma' u tiddeċiedi din il-kawża. Illi r-rikorrent f'dak l-istadju kien irriżerva li jagħmel sottomissjonijiet ulterjuri fir-rigward tar-rikors odjern, meta u jekk l-intimata tippreżenta traduzzjoni tad-dokument għal-lingwa

---

[8] Fit-3 ta' Mejju 2018;
[9] Fol. 976;

Ingliża. Huwa ssottometta wkoll illi l-KESB Werdenberg imsemmija mill-intimata, li tat l-imsemmija deċiżjoni, m'hijiex Qorti iżda sempliċiment Aġenzija bħalma lokalment insibu l-Aġenzija Appoġġ. Sostna illi fi kwalunkwe każ, il-proċeduri odjerni ġew mibdija quddiem il-Qrati Maltin qabel il-proċeduri fl-Isvizzera u għalhekk il-proċeduri odjerni kellhom jieħdu preċedenza. Finalment huwa ssottometta illi l-intimati m'humiex korretti illi jikkwotaw il-Hague Convention għaliex skont hu il-Hague Convention tapplika fejn ikun hemm teħid (abduction) ta' minuri, li ċertament m'huwiex il-każ odjern u għalhekk ċertament illi l-konvenzjoni ma tapplikax għal każ odjern. Illi permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Ottubru 2016, il-Qorti ċaħdet it-talba tal-Kuraturi għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta.

5. Il-Kuraturi Deputati reġgħu qajmu l-kwistjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom[10] fejn huma sostnew li l-kawża odjerna m'hijiex ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin u għalhekk talbu li l-Qorti ma tieħux konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawża. Żiedu illi kemm id-Direttivi u r-Regolamenti tal-Unjoni Ewropeja, it-Trattati ta' Aja u anke l-Konvenzjoni ta' Lugano, jistipolaw illi l-proċeduri intavolati minn A B kellhom ikunu intavolati ġewwa l-pajjiż li l-minuri jkun qiegħed jirrisjedi.

6. Għal dan, l-attur irreplika[11] billi qal li l-kwistjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ġiet sorvolata bid-digrieti ċċitati iktar 'il fuq. Isostni illi billi dan il-każ jitratta dwar ċittadini tal-Unjoni Ewropeja, l-artikolu 742 tal-Kap. 12 mhux applikabbli totalment. Inoltre żied illi il-Hague Convention tapplika fejn ikun hemm teħid (abduction) ta' minuri li ċertament m'huwiex il-każ odjern.

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet u l-konklużjonijiet tal-attur rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 742 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aja, u dan kif ser jiġi elaborat iktar 'il quddiem.

---

[10] Fol. 959;
[11] Fol. 1000;

Lanqas ma taqbel mas-sottomissjoni tal-attur illi l-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti diġa kienet ġiet deċiża b'mod definittiv minn din il-Qorti. Jirriżulta illi minkejja li sar dan l-aċċenn kollu għall-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni, uffiċjalment din qatt ma tqajmet bħala eċċezzjoni preliminari *per se*.

Iżda dana ma jnaqqas xejn mill-fakolta` tal-Qorti li teżamina jekk sewwasew hijiex vestita o meno bil-ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi din il-kawża u dana bis-saħħa tal-Artikolu 774 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili[12], illi jipprovdi li:

> ***"Fin-nuqqas ta' eċċezzjoni ta' inkompetenza, il-qorti għandha, ex officio, tiddikjara l-inkompetenza tagħha - (a) meta l-kawża mhix ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili ta' Malta u l-konvenut jew ikun baqa' kontumaċi jew ikun assenti rappreżentat fil-kawża minn kuraturi maħtura skont l-artikolu 929;……."***

<u>**Il-Qorti, in viżta li hija tal-fehma li l-kriterji stabbiliti fis-subinċiż (a) huma sodisfatti fil-każ in eżami, għaldaqstant qiegħda tipprevalixxi ruħha mill-fakolta` mogħtija lilha mill-Artikolu 774 tal-Kap. 12, appena ċċitat, u qiegħda tissolleva *ex officio* in-nuqqas ta' kompetenza tagħha illi tisma' din il-kawża.**</u>

Issir referenza għall- Artikolu 742 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, illi jitratta l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, jipprovdi illi:-

> ***(1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:***
> ***(a) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra;***
> ***(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta;***

[12] Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta

***(ċ) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta;***
***(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;***
***(e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta;***
***(f) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta;***
***(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti."***

Fil-każ odjern, huwa l-attur biss li għandu preżenza hawn Malta. **Il-konvenuta, li mhijiex ċittadina Maltija iżda ċittadina tal-Ġermanja, qatt ma kellha domiċilju hawn Malta**, għalkemm ġiet Malta ħmistax-il darba sabiex tqatta' l-ħin mal-attur. Ma jirriżultax illi l-partijiet qatt kellhom il-ħsieb li jistabilixxu l-familja tagħhom hawn Malta.

Il-Qorti, f'dan l-istadju, qed tirreferi għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawża Catharina Harvey vs. Dr. Peter Caruana Galizia noe.[13] fejn intqal:

*"Din il-Qorti, anzi bil-maqlub ta' dak li ġie ritenut mill-ewwel Qorti, u s'hawn l-appellant għandu raġun fl-aggravju tiegħu, tirritjeni li meta fl-artikolu 742, tal-Kap. 12, il-liġi tirreferi għal "kull persuna" u tabbinaha, fost oħrajn, ma' mera presenza,*

[13] Deċiża fit-8 ta' Jannar 2003, Appell Ċivili 2670/1999/1

> *linja hawn qegħda neċessarjament, tirreferi <u>għall-presenza tal-parti konvenuta</u> fuq il-prinċipju ta' "ubi te invenio, ibi te convenio". Diversament ikun tassew ifisser, kif tajjeb argomenta l-appellant, li jkun biżżejjed għall-parti attriċi li tkun jew tiġi Malta u tħarrek lil min trid indipendentement minn kull konsiderazzjoni oħra rigwardanti l-parti konvenuta – ħaġa dina li legalment hija inaċċettabbli.... una volta li jiġi suffiċjentement stabbilit li kien hemm presenza tal-parti konvenuta, allura dan ifisser li ġurisdizzjoni jkun hemm da parti ta' dik il-Qorti."*

F'dik il-kawża l-Qorti segwiet ukoll l-insenjament tal-Qrati tagħna fil-kawża <u>Sixt Rosmarie vs. Sixt Jurgen</u> deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Frar 2000, fejn il-Qorti abbraċċjat il-prinċipju *ubi te invenio, ibi te convenio*.

Illi din il-Qorti, fil-passat. kellha quddiemha diversi talbiet min-nies mhux ċittadini Maltin għall-kura u l-kustodja ta' wliedhom, fejn hija ma rrifjutatx il-ġurisdizzjoni tagħha, iżda dana f'ċirkostanzi fejn mill-inqas kien hawn il-minuri domiċiljat hawn Malta[14], jew fejn il-konvenut kien ċittadin tal-Unjoni Ewropeja u għaldaqstant ġew applikati ir-regolamenti speċifiċi tal-Unjoni Ewropeja. B'differenza, fil-każ in eżami, il**-minuri, li hija s-suġġett ta' din il-kawża, m'għandha ebda ness ma' Malta** għajr illi missierha huwa ċittadin Malti u huwa domiċiljat hawn Malta, ness li waħdu u fin-nuqqas ta' ness ieħor mhuwiex biżżejjed sabiex jagħti l-ġurisdizzjoni lill-Qrati Maltin. Hija qatt ma rifset l-art ta' Malta u dejjem għexet fl-Isvizzera fejn mingħajr dubju hija għandha r-residenza abitwali tagħha u cioe fejn hija tirrisjedi regolarment.

---

[14] Il-Qorti ssewgi l-insenjament tal-kawża fl-ismijiet <u>Raymond Calleja vs. Dr. Raymond Pace et noe</u>, deċiża fil-31 t' Jannar 1996, mill-Qorti tal-Appell, fejn il-Qorti saħqet: *"Jiġi nnotat illi l-liġi titkellem dwar <u>persuni</u> li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ċivili ta' Malta. Ma titkellimx biss dwar persuni li jistgħu jissejħu bħala konvenuti quddiemha. Titkellem dwar kawżi li <u>jirrigwardaw</u> dawn il-persuni. – omissis – Ifisser li l-Qorti hi ukoll kompetenti u għandha ġurisdizzjoni f'kawżi li fihom il-partijiet ikunu qegħdin jikkonstataw meritu li d-determinazzjoni tiegħu, apparti li jiddefinixxi l-interess tagħhom fih, ikun ukoll direttament jirrigwarda terza persuna li ma tkunx parti fil-kawża u jista' jaffettwa d-drittijiet tagħha. F'dawn il-każijiet, il-Qorti tkun kompetenti tikkonsidra dak il-meritu anke kieku altrimenti ma kinitx tkun kompetenti, jekk it-terza persuna tkun ċittadina ta' Malta hawn domiċiljata;"*

Il-Qorti tinnota illi dan il-każ huwa differenti minn każijiet oħra deċiżi minnha bħal dak fl-ismijiet John Grech vs. Christianne Hellermann[15] u dak fl-ismijiet Dottor André Borg vs. Dottor Benjamin Valenzia et noe.[16] stante li f'dawn iż-żewġ każi, il-minuri kienu jgħixu regolament u kienu stabbiliti hawn Malta, sakemm ġew imneħħija minn Malta b'mod illegali u abbużiv.

Issir ukoll referenza għall-Konvenzjoni dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Ħarsien tat-Tfal, magħmula fid-19 ta' Ottubru 1996 fi ħdan il-Konferenza tal-Aja fuq id-Dritt Internazzjonali Privat[17]. Malta taderixxi għal din il-Konvenzjoni li daħlet fis-seħħ hawn Malta b'effett mill-1 ta' Jannar 2012, u tagħmel parti integrali mill-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kapitolu 507 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Ħarsien tat-Tfal (Konvenzjoni ta' Aja) illi ta l-awtorizzazzjoni lill-Gvern Malti għall-adeżjoni ma' din il-konvenzjoni.[18]

Fost l-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni, hemm
(a) li tistabbilixxi l-Istat li l-awtoritajiet tiegħu għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri diretti lejn il-protezzjoni tal-persuna jew tal-proprjetà tat-tifel;
(b) li tistabilixxi liema liġi għandha tiġi applikata minn dawn l-awtoritajiet fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tagħhom;
(ċ) li tistabbilixxi l-liġi applikabbli għar-reponsabbilità tal-ġenituri;
Il-Konvenzjoni tapplika għat-tfal mit-twelid tagħhom sakemm jilħqu l-età ta' 18-il sena.

Ta' rilevanza għall-każ partikolari in eżami huma l-Artikolu 3 u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni, hawnhekk irripurtati b'enfasi tal-Qorti, illi jistipulaw:

***Artikolu 3***

---

[15] Rikors Ġuramentat: 106/09AL, deċiż fit-3 ta' Ottubru 2017;
[16] Rikors Ġuramentat: 48/18AL, deċiż fil-11 ta' Ottubru 2018;
[17] Convention on Jurisdiction, Applicable Law, Recognition, Enforcement and Co-operation in respect of Parental Responsibility and Measures for the Protection of Children, magħrufa bħala "The Hague Convention 1996".
[18] Din il-Konvenzjoni hija distinta minn The Hague Convention 1980, li jirreferi għaliha l-attur;

***Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1 jistgħu jkollhom x'jaqsmu partikolarment ma'-***
***(a) l-attribuzzjoni, eżerċizzju, terminazzjoni jew restrizzjoni ta' responsabbilità tal-ġenituri, kif ukoll mad-delega tiegħu;***
***(b) drittijiet ta' kustodja, inklużi drittijiet dwar il-kura tal-persuna tat-tifel u, partikolarment, id-dritt li tistabbilixxi l-post tar-residenza tat-tifel, kif ukoll id-drittijiet ta' aċċess inkluż id-dritt li tieħu tifel għal perjodu limitat f'post minbarra dak li jikkostitwixxi r-residenza abitwali tat-tifel;***
***- omissis-***

***Artikolu 5***

***(1) L-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tat-tifel għandhom ġurisdizzjoni li jieħdu miżuri bil-għan li jipproteġu l-persuna jew il-proprjetà tat-tifel.***

Jirriżulta ampjament ċar, fil-fehma tal-Qorti, illi l-ġurisdizzjoni f'każijiet bħal dan in eżami hija marbuta dirattament mar-residenza tal-minuri u l-ebda kriterju ieħor. Iċ-ċittadinanza tal-minuri u d-domiċilju tal-ġenituri huma superfluwi sabiex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-Qorti f'każijiet ta' kura u kustodja ta' minuri. Il-kriterju huwa wieħed uniku u esklussiv: ir-residenza abitwali tal-minuri.

Inoltre, jekk għal ftit inwarrbu l-involviment tal-Isvizzera f'dan kollu, u nikkonsidraw biss illi l-partijiet huma ċittadini tal-Unjoni Ewropeja u allura bejniethom japplikaw it-trattati tal-Unjoni Ewropeja u niskartaw it-trattati Internazzjonali ċċitati, insibu illi r-regolament relevanti u cioe ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta'Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, magħruf aħjar bħala r-Regolament Brussels IIa, dana wkoll huwa ċar u inekwivoku meta fl-Artikolu 8 jistipula:

***Artikolu 8***

***Il-Ġurisdizzjoni ġenerali***

***1. Il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbilità ta' l-ġenituri <u>dwar minuri li huma abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru fiż-żmien li l-qorti tkun ħadet il-pussess.</u>***

Illi b'hekk jirriżulta illi anke bl-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropeja, il-kriterju uniku sabiex tkun stabbilita il-ġurisdizzjoni tal-Qorti f'każijiet ta' kura u kustodja ta' minuri, huwa r-residenza abitwali, kriterju li fil-każ odjern, din il-Qorti m'għandhiex.

Applikati l-fatti tal-kawża odjerna għall-provvedimenti u l-ġjurisprudenza appena ċċitati, jwasslu lill-Qorti tikkonkludi illi l-assenza tal-konvenuta u tal-minuri minn dawn il-Gżejjer tirrendi lill-Qrati Maltin nieqsa mill-ġurisdizzjoni illi jisimgħu il-kawża[19] in vista li din tirrigwarda prinċiparjament[20] il-kura u kustodja ta' minuri.

Stabbilit illi l-kawża odjerna m'hiex ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, il-Qorti qed tiddikjara ruħha inkompetenti li tisma' l-kawża stante li m'għandhiex ġurisdizzjoni.

**<u>DEĊIDE</u>**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet tal-attur stante n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tagħha.

Bl-ispejjeż kontra l-istess attur.

---

[19] Dan huwa wkoll l-insenjament ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża <u>AB vs. ED</u>, (Rikors Ġuramentat 12/12RGM), deċiża fil-5 t'April 2016;

[20] L-attur jagħmel ukoll talba sabiex il-konvenuta assenti tkun ikkundannata tħallas manteniment adegwat għall-minuri. Mhux eskluż li l-Qorti Maltija jista', ai termini tat-trattati internazzjonali u regolamenti Ewropej, jkollha l-kompetenza li tiddeċiedi dwar kwistjonijiet ta' <u>manteniment</u>. Iżda l-Qorti hija tal-fehma illi jkun superfluwu li f'dan l-istadju teżamina l-kwistjoni tal-manteniment, mingħajr ma jkun qabel ġie stabbilit definittivament dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri F G u l-modalita` tal-aċċess tal-ġenituri.